KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fid-19 ta' Marzu 2020[1]

Kawża C-81/19

NG,
OH
vs
SC Banca Transilvania SA

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kreditu ddenominat f'munita barranija – Klawżola dwar ir-rata tal-kambju – Artikolu 1(2) – Klawżola kuntrattwali li hija l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali stabbilit fil-leġiżlazzjoni – Artikolu 6(1) – Konsegwenzi legali – Tneħħija tal-klawżola inġusta – Impossibbiltà li jinżamm il-kuntratt mingħajr il-klawżola inġusta – Setgħat tal-qorti nazzjonali"

I. Introduzzjoni

1. Din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari għandha, għal darba oħra, bħala għan il-protezzjoni tal-konsumaturi kontra l-klawżoli inġusti mdaħħla f'kuntratti ta' kreditu ddenominati f'munita barranija.

2. Il-klawżola inkwistjoni fil-kawża prinċipali tobbliga lir-rikorrenti f'din il-kawża sabiex jirrimborsaw kreditu ddenominat fi franki Svizzeri, f'din l-istess munita. Madankollu, minħabba l-iżvalutazzjoni qawwija tal-leu Rumen – munita li fiha r-rikorrenti jirċievu d-dħul tagħhom – l-ammont li għandu jiġi rrimborsat kważi rdoppja għalihom fis-snin wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu.

3. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma jqajjimx b'mod espliċitu l-kwistjoni ta' prinċipju dwar jekk l-għoti ta' krediti f'munita barranija lill-konsumaturi jistax jitqies li huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, għalkemm il-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tindika li, fil-każ ta' tali kuntratti ta' kreditu, ir-riskju tal-kambju ma jistax jiġi awtomatikament impost fuq il-konsumatur, minn dan jirriżulta wkoll li din il-prattika *fiha nnifisha* ma tmurx kontra d-dritt tal-Unjoni[2]. L-importanti huwa jekk il-konsumatur ġiex informat b'dan ir-riskju f'lingwaġġ sempliċi u ċar[3].

1 Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 Din il-kwistjoni ta' prinċipju ġiet deċiża bis-sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et*, (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 41), ara wkoll f'dan ir-rigward il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:313, punt 2).

3 Ara s-sentenzi tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punti 40 u 41), tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 41), tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750, punt 68), tal-14 ta' Marzu 2019, Dunai (C-118/17, EU:C:2019:207, punt 48). Dan huwa s-suġġett tat-tieni domanda preliminari.

4. Min-naħa l-oħra, hija l-qorti nazzjonali, li jekk ikun il-każ, għandha tislet il-konsegwenzi, li huma fil-qalba ta' din il-kawża, mill-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola dwar ir-riskju tar-rata tal-kambju. Fil-fatt, skont il-qorti tar-rinviju, il-konsegwenzi legali kollha tan-natura inġusta rrilevati sa issa fil-ġurisprudenza, jwasslu għal piż mhux raġonevoli fuq il-konsumatur. Il-qrati tar-rinviju ltaqgħu ma' problemi legali paragunabbli fi tliet kawżi oħra attwalment pendenti [4].

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

5. Il-kuntest ġuridiku tal-Unjoni f'din il-kawża huwa kkostitwit mid-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (iktar 'il quddiem id-Direttiva 93/13) [5].

6. It-tnax u t-tlettax il-premessa tad-Direttiva 93/13 jipprovdu:

"Billi, iżda, kif inhuma bħalissa, il-liġijiet nazzjonali jippermettu li tiġi kkunsidrata biss armonizzazzjoni parzjali; Billi b'mod partikolari, din id-Direttiva tkopri biss klawżoli kuntrattwali li ma jkunux ġew innegozjati individwalment; billi l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla b'konsiderazzjoni xierqa tat-Trattat, li joffru lill-konsumaturi livell ogħla ta' protezzjoni permezz ta' disposizzjonijiet nazzjonali li jkunu aktar stretti minn dawk ta' din id-Direttiva;

Billi d-disposizzjonijiet statutorji jew regolatorji ta' l-Istati Membri li jistabbilixxu direttament jew indirettament il-klawżoli tal-kuntratti tal-konsumatur huma preżunti li ma' fihomx klawżoli inġusti; billi, għal dan il-għan, ma jidhirx li huwa meħtieġ li jiġu assoġġettati l-klawżoli li jirriflettu disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji u l-prinċipji jew id-disposizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom huma parti l-Istati Membri jew il-Komunità; billi f'dak ir-rigward il-kliem "disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji" fl-Artikolu 1(2) ikopru wkoll ir-regoli li, skond il-liġi, għandhom jgħoddu bejn il-partijiet kontraenti sakemm ma twaqqfux xi arranġamenti oħra;"

7. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"Il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji u d-disposizzjonijiet jew il-prinċipji ta' konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom ikunu parti l-Istati Membri jew il-Komunità, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport, m'għandhomx ikunu suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva."

8. L-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva jipprovdi:

"Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur."

4 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Gómez del Moral Guasch (C-125/18, EU:C:2019:695), kif ukoll fil-kawżi C-269/19, Banca B. (ĠU 2019 C 238, p. 7) u C-346/19, Credit Europe Ipotecar IFN u Credit Europe Bank (ĠU 2019 C 288, p. 19).

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

9. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 jistabbilixxi:

"L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar."

10. L-Artikolu 6 (1) tal-istess direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

11. L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri."

B. Il-liġi nazzjonali

12. Skont id-dritt intern, il-Codul civil Rumen (il-Kodiċi Ċivili) u l-Codul comercial (il-Kodiċi Kummerċjali), fil-verżjoni tagħhom fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, huma rilevanti f'dan il-każ.

13. L-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi l-prinċipju ta' nominaliżmu, kien ifformulat kif ġej:

"L-obbligi li jirriżultaw minn self ta' flus hija dejjem dik biss tas-somma li tissemma fil-kuntratt. Jekk ikun hemm żieda jew tnaqqis fil-valur tal-munita qabel iż-żmien tal-ħlas, id-debitur għandu jirritorna s-somma mislufa, u huwa obbligat li jħallas dik is-somma biss fil-muniti użati fil-mument tal-ħlas."

14. L-Artikolu 41 tal-Kodiċi Kummerċjali kien ifformulat kif ġej:

"Meta munita indikata f'kuntratt ma jkollhiex rata legali tal-kambju fil-pajjiż u r-rata ma tkunx ġiet stabbilita mill-partijiet fil-kuntratt, il-ħlas f'munita nazzjonali jista' jsir skont ir-rata fis-seħħ fil-jum tal-iskadenza u fil-post tal-ħlas; jekk ma jkun hemm l-ebda rata tal-kambju f'dan il-post, il-ħlas jista' jsir skont ir-rata tal-eqreb ċentru tan-negozjar, kemm-il darba l-kuntratt ma jkunx fih klawżola 'effettiva' jew klawżola paragunabbli."

III. Il-fatti u l-kawża prinċipali

15. Skont il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, bħala konsumaturi, ikkonkludew kuntratt ta' kreditu fl-ammont ta' 90 000 leu Rumeni (RON) ma' SC Volksbank România SA (li mbagħad saret Banca Transilvania), fil-31 ta' Marzu 2006.

16. Fil-15 ta' Ottubru 2008, ġie konkluż it-tieni kuntratt ta' kreditu bejn il-partijiet bil-għan tar-rifinanzjament tal-kuntratt tal-31 ta' Marzu 2006. Is-suġġett kien kreditu ddenominat f'munita barranija fl-ammont ta' 65 000 franki Svizzeri (CHF). Dan kien jikkorrispondi għal madwar RON 159 126 jew għal madwar EUR 33 488 [6] Ir-rikorrenti jirċievu d-dħul tagħhom fil-leu Rumen.

6 Ir-rata tal-kambju fid-data tal-iffirmar tal-kuntratt, fil-31 ta' Marzu 2008.

17. Il-punt 1 tat-Taqsima 4 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali tat-tieni kuntratt ta' kreditu kien jipprovdi li "kull ħlas […] għandu jsir fil-munita tal-kreditu, bl-eċċezzjoni tal-każijiet espressament previsti mill-kundizzjonijiet partikolari u mill-kundizzjonijiet ġenerali" (iktar 'il quddiem il-"klawżola kontenzjuża").

18. L-iżvalutazzjoni tal-leu Rumen u t-tisħiħ tal-frank Svizzeru bejn Ottubru 2008 u April 2017 wasslu għal żieda fis-somma li kellha tiġi rrimborsata, żieda ta' RON 117 760 (madwar EUR 24 772).

19. Ir-rikorrenti għalhekk ippreżentaw rikors quddiem it-Tribunalul Specializat Cluj (il-Qorti Speċjalizzata ta' Cluj, ir-Rumanija). Huma jsostnu li l-bank ma ssodisfax b'mod suffiċjenti l-obbligi tiegħu fil-qasam tal-informazzjoni dwar ir-riskju tal-kambju. Barra minn hekk, minħabba t-teħid ta' responsabbiltà għal dan ir-riskju, dawn huma indebitament żvantaġġati. Għalhekk, huma essenzjalment jitolbu li r-rata tal-kambju tiġi ffriżata fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt.

20. Il-konvenuta toġġezzjona li l-klawżola kontenzjuża hija bbażata fuq il-prinċipju ta' nominaliżmu stabbilit fl-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili u li, għaldaqstant, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 ma jippermettix li tiġi evalwata n-natura inġusta tagħha.

21. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors. Ċertament, din ikkunsidrat li l-klawżola kontenzjuża kienet suġġetta għal stħarriġ fuq il-mertu. Madankollu, il-bank issodisfa b'mod suffiċjenti l-obbligi ta' informazzjoni tiegħu. Fil-fatt, dan ma setax jipprevedi l-varjazzjonijiet sinjifikattivi tar-rata tal-kambju.

22. Il-kawża issa tinsab pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija), wara l-appell ippreżentat miż-żewġ partijiet. Din il-qorti għandha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13 dwar il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, tal-obbligi ta' informazzjoni imposti fuq il-bejjiegħa jew fornituri u tal-konsegwenzi legali li jirriżultaw min-natura possibbilment inġusta tal-klawżola kkonċernata.

IV. It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Bid-digriet tas-27 ta' Diċembru 2018, li wasal quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Frar 2019, il-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 267 TFUE, id-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 1[(2)] tad-Direttiva 93/13/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-eżami tal-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali li tirriproduċi regola supplettiva li l-partijiet setgħu jidderogaw minnha, deroga li madankollu huma ma għamlux sa fejn din il-klawżola ma kienet is-suġġett ta' ebda negozjar, bħall-klawżola eżaminata f'din il-kawża, li teżiġi li s-self jiġi rrimborsat fl-istess munita barranija bħal dik li s-self ingħata fiha?

2. Meta kalkoli jew previżjonijiet dwar l-impatt ekonomiku ta' eventwali varjazzjoni fir-rata ta' kambju fuq l-obbligi ta' ħlas kollha li jirriżultaw mill-kuntratt ma jkunux ġew ippreżentati lill-konsumatur meta jingħata s-self f'munita barranija, jista' wieħed jargumenta ġustament li tali klawżola, li tpoġġi r-riskju kollu ta' bidla fuq il-konsumatur (konformement mal-prinċipju ta' nominaliżmu), hija ċara u li tinftiehem u li l-bejjiegħ jew fornitur jew il-bank issodisfaw b'*bona fide* l-obbligu tagħhom li jinformaw lill-parti kontraenti tagħhom, meta l-livell massimu ta' dejn tal-konsumaturi impost mill-Bank nazzjonali tar-Rumanija ġie kkalkulat b'riferiment għar-rata ta' kambju fis-seħħ fid-data tal-konklużjoni tas-self?

3. Id-Direttiva 93/13 u l-ġurisprudenza relatata magħha kif ukoll il-prinċipju ta' effettività jipprekludu li, wara l-konstatazzjoni tal-karattru inġust ta' klawżola dwar ir-responsabbiltà għar-riskju ta' bidla, il-kuntratt jissussisti mingħajr modifiki? Liema modifika tkun possibbli sabiex titwarrab il-klawżola inġusta u jiġi osservat il-prinċipju ta' effettività?"

24. Fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrenti, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Rumanija u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2020, ir-rikorrenti u l-konvenuta fil-kawża prinċipali, ir-Rumanija u l-Kummissjoni Ewropea kienu rrappreżentati.

V. Evalwazzjoni ġuridika

25. It-tliet domandi preliminari jirrigwardaw tliet stadji suċċessivi tal-eżami mwettaq minn qorti ta' Stat Membru waqt l-istħarriġ fuq il-mertu tal-klawżoli kuntrattwali fformulati minn qabel skont id-Direttiva 93/13.

26. L-ewwel domanda preliminari tirrigwarda l-ftuħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 (skont A).

27. Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-klawżola kontenzjuża hijiex redatta "f'lingwaġġ sempliċi u ċar" fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva. Peress li l-kriterji użati għal din l-analiżi diġà ġew elaborati mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-dawl tal-klawżola kontenzjuża li tixbah ħafna lil dik inkwistjoni fil-kawżi Andriciuc [7] u Lupean [8], huwa suffiċjenti, f'dan ir-rigward, li wieħed jillimita ruħu għal riferiment qasir għall-ġurisprudenza eżistenti (skont B).

28. Sussegwentement, il-punt ċentrali tal-kawża huwa l-konsegwenzi legali li jirriżultaw, jekk ikun il-każ, mill-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola kontenzjuża (skont C).

A. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 (l-ewwel domanda preliminari)

29. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk klawżola kuntrattwali, li tikkostitwixxi l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali stabbilit mil-liġi, hijiex suġġetta għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13.

30. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13, il-klawżoli kuntrattwali, li "jirriflettu" dispożizzjoni "mandatarja", huma eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex twettaq l-evalwazzjoni tal-fatti [9], ikkonkludiet li l-klawżola kuntrattwali kontenzjuża tikkostitwixxi l-espressjoni tal-prinċipju ta' nominaliżmu stabbilit fl-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili.

31. Għal din ir-raġuni, hija għandha dubji rigward il-ftuħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

1. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13

32. Il-qorti tar-rinviju tara problema potenzjali f'dan ir-rigward u tistaqsi b'mod partikolari dwar il-fatt li l-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili ma huwiex dispożizzjoni mandatorja u li, għaldaqstant, jista' jitqies li ma huwiex "mandatorju" fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13. Hija tirrileva, f'dan ir-rigward, inċertezzi fil-verżjoni lingwistika Rumena tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, filwaqt li l-verżjoni Ġermaniża tuża t-terminu "bindend" [mandatorju] fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija direttiva, li jista' jinkludi kemm dispożizzjonijiet mandatorji iżda wkoll dispożizzjonijiet ta' natura supplimentari, billi l-kelma "obligatorii" użata fil-verżjoni lingwistika Rumena tidher li tirreferi biss, fid-dritt Rumen, għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi mandatorji.

7 Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703).

8 Digriet tat-22 ta' Frar 2018, Lupean (C-119/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:103).

9 Ara s-sentenza tat-3 ta' April 2019, Aqua Med (C-266/18, EU:C:2019:282, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33. Madankollu, mill-istruttura ġenerali tad-Direttiva jirriżulta b'mod ċar li l-kunċett "mandatorju" ma jirreferix għad-distinzjoni tradizzjonali fid-dritt ċivili bejn id-dispożizzjonijiet indispensabbli (u għalhekk "mandatorji") u d-dispożizzjonijiet ta' natura supplimentari (u għalhekk "volontarji"). F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kunċetti applikati mid-Direttiva 93/13 huma ta' natura tad-dritt tal-Unjoni u għandhom, konsegwentement, ikunu s-suġġett ta' interpretazzjoni awtonoma [10]. It-tifsira tal-kunċett "obbligatorii" fid-dritt Rumen għalhekk ma hijiex rilevanti għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett li jinsab fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13. Għall-kuntrarju, dan il-kunċett, skont it-tlettax-il premessa tad-Direttiva, ikopri r-regoli kollha li huma ta' natura supplimentari u li għalhekk japplikaw, skont il-liġi, bejn il-partijiet kontraenti, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor [11].

34. Barra minn hekk, il-fatt li, waqt il-konklużjoni tal-kuntratt, il-partijiet effettivament ma kellhomx il-possibbiltà li jidderogaw minnu, ma jaffettwax ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda preliminari. Dan il-fatt huwa rekwiżit u mhux kriterju ta' esklużjoni għall-applikabbiltà tad-Direttiva 93/13. Min-naħa l-oħra, ma hija prevista l-ebda klawżola kuntrattwali skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni teżiġi li l-klawżola kkonċernata "ma tkunx ġiet innegozjata individwalment".

35. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi stabbilit li anki regola supplimentari, bħall-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili, tista', bħala prinċipju, tikkostitwixxi dispożizzjoni "mandatorja" fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13.

2. Is-sens u l-iskop tal-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13

36. Madankollu, minn dan ma jsegwix li klawżola kuntrattwali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

37. Għall-kuntrarju, hija ġurisprudenza stabbilita li, sabiex tevalwa jekk klawżola kuntrattwali hijiex suġġetta, skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13, għall-istħarriġ fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja hija marbuta wkoll ma' aspetti teleoloġiċi.

38. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 hija ġġustifikata bl-ipoteżi li l-leġiżlatur nazzjonali diġà stabbilixxa bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet f'ċerti kuntratti u li, għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi normalment ma jkunx fihom klawżoli inġusti [12].

39. Min-naħa tiegħi, sempliċement ma naħsibx li l-idea dwar l-istħarriġ dwar in-natura inġusta hija superfluwa f'każijiet bħal dawn. Għall-kuntrarju, din hija intiża wkoll sabiex teskludi preġudizzju illegali għall-kompetenza tal-Istati Membri. Għaliex id-Direttiva 93/13, skont it-tnax-il premessa tagħha, ma sservix għall-armonizzazzjoni tad-dritt ċivili nazzjonali dwar atti ġuridiċi pprojbiti. Din hija r-raġuni għaliex la s-suġġett prinċipali tal-kuntratt u lanqas l-adegwatezza bejn il-prezz u l-provvista ma jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ fuq il-mertu, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, dawn il-kwistjonijiet huma tipikament irregolati mil-leġiżlatur nazzjonali fid-dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili dwar l-atti ġuridiċi, li huma nulli minħabba l-kontenut tagħhom.

10 Sentenzi tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punt 37) u tas-26 ta' Frar 2015, Matei (C-143/13, EU:C:2015:127, punt 50).

11 Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 29).

12 Sentenzi tal-21 ta' Marzu 2013, RWE Vertrieb (C-92/11, EU:C:2013:180, punt 28), u tat-3 ta' April 2019, Aqua Med (C-266/18, EU:C:2019:282, punt 33). Ara wkoll it-tlettax-il premessa tad-Direttiva.

40. Ċertament, dan jista' jwassal sabiex dispożizzjoni kuntrattwali kkunsidrata bħala inġusta skont il-kriterji tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13, ma tkunx tista' tiġi kkontestata sa fejn il-leġiżlatur nazzjonali jawtorizza espressament tali dispożizzjoni fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi. Madankollu, wara dan il-fatt tqum il-kwistjoni dwar jekk ikunx mixtieq li jiġi ristrett, jew saħansitra li l-għoti ta' krediti f'munita barranija lill-konsumaturi fil-livell tal-Unjoni jiġi pprojbit fl-intier tiegħu. Fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, dan ma huwiex, fi kwalunkwe mod, il-każ [13].

41. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ipoteżi, li l-leġiżlatur għandu l-intenzjoni li jistabbilixxi bilanċ raġonevoli bejn l-interessi tar-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi, hija preżunzjoni [14]. Tali preżunzjoni tista', bħala prinċipju, tiġi kkonfutata [15].

42. Għalhekk, huma esklużi biss mill-istħarriġ fuq il-mertu dawk il-klawżoli li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi speċifikament stabbiliti għat-tip ta' kuntratt ikkonċernat jew li huma applikabbli għalih bis-saħħa ta' dispożizzjoni tar-rinviju. Fil-fatt, huwa biss sa fejn il-leġiżlatur nazzjonali jkun ippreveda l-każ speċifiku tal-partijiet li huwa seta' jwettaq bilanċ bejn l-interessi inkwistjoni [16].

43. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li d-dispożizzjonijiet ta' natura ġenerali ma humiex awtomatikament preżunti li kienu s-suġġett ta' eżami partikolari mil-leġiżlatur bil-għan li jiġi stabbilit dan il-bilanċ [17].

44. Ċertament, hija tissuġġetta indirettament il-kontenut normattiv ta' dispożizzjoni nazzjonali għal stħarriġ dwar in-natura inġusta. Ma hemmx lok li tiġi ppreġudikata b'mod illegali l-kompetenza tal-Istati Membri, peress li d-dispożizzjoni inkwistjoni tista' tkompli tapplika fl-oqsma l-oħra ta' applikazzjoni. Fil-fatt, l-evalwazzjonijiet tad-Direttiva 93/13 japplikaw biss għall-kuntratti konklużi mill-konsumaturi.

45. Huwa f'dan il-kuntest li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, permezz tal-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili, il-leġiżlatur kellux l-intenzjoni li jistabbilixxi bilanċ raġonevoli bejn l-interessi tal-bejjiegħa jew fornituri u dawk tal-konsumaturi.

46. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, waqt is-seduta, il-Gvern Rumen enfasizza li din id-dispożizzjoni ma hijiex adattata esklużivament għall-kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi. Il-gwida li fuqha hija bbażata d-dispożizzjoni prevista fl-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili hija dik tal-partijiet kontraenti bi drittijiet ekwi. Skont il-Gvern Rumen, tali dispożizzjoni ma tidhirx iktar fil-Kodiċi Ċivili l-ġdid, iżda, f'dan ir-rigward, jissemmew fil-fatt dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi.

47. Fil-każ li, f'din il-perspettiva, il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni, fl-analiżi tagħha, li din id-dispożizzjoni ma hijiex intiża sabiex tistabbilixxi bilanċ bejn il-konsumaturi u l-bejjiegħa jew fornituri, il-preżunzjoni għandha titqies bħala kkonfutata. F'dan il-każ, l-assenza ta' stħarriġ fuq il-mertu ma jkunx iġġustifikat.

13 Dan tixhdu b'mod partikolari l-eżistenza tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li tinkludi, fl-Artikolu 23 tagħha, dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni minima tal-konsumaturi fil-konklużjoni ta' kuntratti ta' kreditu f'munita barranija li għandhom jiġu trasposti mill-Istati Membri. Din id-direttiva ma hijiex applikabbli *ratione temporis* għall-kawża prinċipali.

14 Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819, punt 61).

15 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Marzu 2013, RWE Vertrieb (C-92/11, EU:C:2013:180, punt 27 *et seq.*), u tat-3 ta' April 2019, Aqua Med (C-266/18, EU:C:2019:282, punt 36).

16 Sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, RWE Vertrieb (C-92/11, EU:C:2013:180, punti 27 u 29).

17 Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819, punt 61).

3. Konklużjoni intermedja

48. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali li tikkostitwixxi l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali stabbilit mil-liġi hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, sakemm il-leġiżlatur nazzjonali ma kellux l-intenzjoni, billi ħoloq id-dispożizzjoni legali kkonċernata, li jistabbilixxi bilanċ leġiżlattiv tad-drittijiet u tal-obbligi kollha tal-partijiet għat-tip ta' kuntratt ikkonċernat. Il-qorti nazzjonali għandha tipproċedi għall-konstatazzjonijiet neċessarji f'dan ir-rigward.

B. Dwar ir-rekwiżiti ta' klawżola kuntrattwali redatta "f'lingwaġġ sempliċi u ċar" u b'bona fide (it-tieni domanda preliminari)

49. Permezz tat-tieni domanda tagħha, din il-qorti tixtieq tkun taf, minn naħa, jekk klawżola kuntrattwali li bis-saħħa tagħha r-riskju tal-kambju għandu, fl-aħħar mill-aħħar, jiġi sostnut mill-konsumatur biss, tistax titqies bħala "f'lingwaġġ sempliċi u ċar", fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, meta ebda kalkolu ma jkun ġie sottomess lill-konsumatur sabiex jistabbilixxi l-konsegwenzi li l-varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju jista' jkollhom fuq il-pagamenti dovuti minnu. Min-naħa l-oħra, hija tixtieq tkun taf jekk tali klawżola għandhiex titqies li tmur kontra l-*bona fide* meta l-limitu tad-dejn adottat għall-eżami tas-solvenza jiġi kkalkolat abbażi biss tar-rata tal-kambju fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt.

50. Din id-domanda hija rilevanti biss fil-każ li l-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 huwa miftuħ. Fil-fatt, l-eżami mill-ġdid ta' klawżola fir-rigward tar-rekwiżiti ta' trasparenza tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 jippreżupponi, fi kwalunkwe każ, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkun miftuħ.

51. L-eżami tar-rekwiżiti ta' trasparenza huwa ta' importanza partikolari fir-rigward ta' klawżoli bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta, f'dan ir-rigward, li klawżola li skontha self iddenominat f'munita barranija għandu jiġi rrimborsat f'din il-munita tikkonċerna, jekk ikun il-każ, is-"suġġett tal-kuntratt", fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13[18]. Issa, tali klawżola tista' tkun suġġetta għal stħarriġ tan-natura inġusta skont din id-dispożizzjoni biss jekk ma tkunx ifformulata f'lingwaġġ sempliċi u ċar[19].

52. Il-kriterji, li fid-dawl tagħhom għandu jiġi evalwat jekk klawżola għandhiex l-ewwel nett, titqies li hija f'lingwaġġ sempliċi u ċar fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, diġà ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' klawżoli analogi għal dawk inkwistjoni f'dan il-każ.

53. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, b'mod partikolari, jekk l-informazzjoni kkomunikata mill-bejjiegħ jew fornitur tippermettix lill-konsumatur jevalwa l-konsegwenzi li jista' jkollha żvalutazzjoni gravi tal-munita li fiha huwa jirċievi d-dħul tiegħu kif ukoll iż-żieda fir-rata ta' interessi barranin fuq il-pagamenti skedati. B'mod iktar preċiż, il-bejjiegħ jew fornitur għandu jinforma espressament lill-konsumatur li, meta jikkonkludi kuntratt ta' kreditu ddenominat f'munita barranija, huwa jkun qiegħed jesponi ruħu għal riskju tal-kambju li eventwalment ikun diffiċli għalih li jsostni f'każ ta' żvalutazzjoni tal-munita li fiha jirċievi d-dħul tiegħu[20].

18 Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 41) u d-digriet tat-22 ta' Frar 2018, Lupean (C-119/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:103, punt 21).

19 Ara s-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750, punt 68), tal-14 ta' Marzu 2019, Dunai (C-118/17, EU:C:2019:207, punt 48).

20 Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 50) u d-digriet tat-22 ta' Frar 2018, Lupean (C-119/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:103, punt 25).

54. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika jekk il-bejjiegħ jew fornitur informax lill-konsumatur, f'dan ir-rigward, biċ-ċirkustanzi rilevanti kollha li seta' kien jaf bihom f'dan il-mument u li jaffettwaw l-eżekuzzjoni sussegwenti ta' dan il-kuntratt [21]. F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza teżiġi evalwazzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża prinċipali, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni t-tagħrif espert u l-konoxxenzi tal-bank, fir-rigward tal-varjazzjonijiet possibbli tar-rati tal-kambju u tar-riskji inerenti fit-teħid ta' self f'munita barranija [22].

55. Anki jekk, f'dan il-kuntest, ma jistax jiġi mistenni mill-bejjiegħ jew fornitur li huwa jipprevedi jew jikkalkola l-iżvalutazzjoni konkreta tal-munita inkwistjoni li tkun seħħet sussegwentement, dan il-fatt ma jeżentahx mill-obbligi globali ta' informazzjoni tiegħu fuq ir-riskji potenzjali ta' varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju u fuq il-fatt li dawn għandhom jiġu sostnuti biss mill-persuna li tissellef.

56. Fir-rigward, it-tieni nett, tal-kwistjoni dwar jekk klawżola toħloqx, minkejja r-rekwiżit ta' *bona fide*, għad-dannu tal-konsumatur, żbilanċ sinjifikattiv, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-qorti nazzjonali għandha b'mod partikolari tivverifika jekk il-bejjiegħ jew fornitur, fuq il-bażi ta' aġir leali u ġust fil-konfront tal-konsumatur, setax raġonevolment jistenna li dan tal-aħħar jaċċetta tali klawżola wara negozjati individwali [23].

57. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-informazzjoni kompleta dwar ir-riskji possibbli lill-konsumatur taqa' b'mod partikolari fil-kuntest ta' aġir leali u ġust. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk, f'dan il-każ, ir-riferiment għal-limitu massimu tad-dejn setax jaħbi r-riskji. Fil-fatt, sa fejn il-limitu massimu tad-dejn huwa kkalkolat abbażi tar-rata tal-kambju fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, għandu jiġi indikat ukoll lill-konsumatur, fl-ispirtu ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, li l-osservanza ta' dan il-limitu massimu ma tispeċifikax jekk huwiex ser ikun jista' jissodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu f'każ ta' żvalutazzjoni tal-munita.

58. Jekk tali livell massimu huwa previst b'mod imperattiv mid-dritt nazzjonali, dan jista' saħansitra jiġi analizzat bħala evażjoni ta' dan il-livell massimu jekk l-evalwazzjoni tkun limitata b'mod statiku għar-rata tal-kambju meta jingħata l-kreditu.

59. Konsegwentement, it-tieni domanda għandha tiġi risposta li r-rekwiżit, previst fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, ta' redazzjoni f'lingwaġġ sempliċi u ċar ta' klawżola kuntrattwali li tinsab f'kuntratt ta' kreditu ddenominat f'munita barranija, li, finalment, jimponi fuq il-konsumatur ir-riskju tal-kambju, jimplika li dan tal-aħħar ikun informat b'mod eżawrjenti bil-konsegwenzi ekonomiċi possibbilment sinjifikattivi ta' tali klawżola fuq l-obbligi finanzjarji tiegħu. L-istess japplika indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-iżvalutazzjoni konkreta tal-munita inkwistjoni kinitx diġà prevedibbli fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt. Hija l-qorti nazzjonali li għandha twettaq il-konstatazzjonijiet neċessarji f'dan ir-rigward.

C. Dwar il-konsegwenzi legali tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta (it-tielet domanda preliminari)

60. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar il-konsegwenzi li hija għandha, jekk ikun il-każ, tislet mill-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola f'dan ir-rigward, sabiex tiżgura l-effettività sħiħa tad-drittijiet tal-konsumaturi.

21 Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 54) u d-digriet tat-22 ta' Frar 2018, Lupean (C-119/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:103, punt 27).

22 Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 56), u d-digriet tat-22 ta' Frar 2018, Lupean (C-119/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:103, punt 29).

23 Sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 57), u d-digriet tat-22 ta' Frar 2018, Lupean (C-119/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:103, punt 30).

61. Fil-fatt, is-soluzzjonijiet identifikati sa issa mill-ġurisprudenza kollha jwasslu, fil-fehma tagħha, għal żvantaġġ mhux iġġustifikat għad-dannu tal-konsumatur. Ċertament, skont il-qorti tar-rinviju, soluzzjoni xierqa tista' tikkonsisti fl-iffriżar tar-rata tal-kambju fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt. Madankollu, hija għandha dubji dwar jekk l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 u l-ġurisprudenza dwar din id-dispożizzjoni jipprekludux tali approċċ.

62. Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, il-qrati nazzjonali, bħala prinċipju, huma obbligati li jiddikjaraw klawżola inġusta bħala inapplikabbli u li jżommu l-bqija tal-kuntratt. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat repetutament li, b'dan il-mod, il-qrati nazzjonali ma humiex awtorizzati sabiex jikkompletaw dan il-kuntratt billi jirrevedu l-kontenut ta' din il-klawżola [24]. Skont il-ġurisprudenza, it-tneħħija tal-klawżola inġusta hija intiża sabiex tissostitwixxi l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti b'bilanċ reali ta' natura li jistabbilixxi l-ugwaljanza mill-ġdid bejn dawn tal-aħħar [25].

63. Is-sempliċi tneħħija ta' klawżola inġusta hija, fin-natura tagħha, suġġetta għall-kundizzjoni li l-kuntratt ikun jista' jibqa' jeżisti mingħajr mingħajrha. Min-naħa l-oħra, jekk, fil-kuntest tal-eżami tagħha, il-qorti nazzjonali tasal għall-konklużjoni li ma huwiex possibbli li titneħħa l-klawżola mingħajr sostituzzjoni, hija għandha, bħala prinċipju, tannulla l-kuntratt fl-intier tiegħu u tordna x-xoljiment tiegħu [26].

64. Madankollu, jistgħu jeżistu każijiet li fihom l-annullament tal-kuntratt iwassal għal konsegwenzi partikolarment dannużi għall-konsumatur. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari fil-każ ta' kuntratti ta' self bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża. Fil-fatt, f'dan tal-aħħar, l-annullament tal-kuntratt għandu, bħala prinċipju, il-konsegwenza li l-ammont tas-self li jkun għadu dovut isir immedjatament eżiġibbli b'mod li jista' jeċċedi l-kapaċità finanzjarja tal-konsumaturi [27].

65. F'dan il-każ, il-qorti nazzjonali tqis li ma huwiex possibbli li titneħħa l-klawżola kontenzjuża mingħajr sostituzzjoni. Mill-perspettiva tagħha, l-annullament tal-kuntratt lanqas ma jista' jiġi previst, peress li dan iwassal għal konsegwenzi partikolarment dannużi għall-konsumatur. Fil-fatt, hemm il-biża li l-konsumatur ikollu jirrimborsa s-self kollu f'daqqa. Barra minn hekk, peress li l-valur nominali tad-dejn mhux imħallas huwa ddenominat fi franki Svizzeri, ir-rimbors ikollu jsir bir-rata tal-kambju attwali. B'hekk, il-konsumatur ikun qiegħed jiġi ppenalizzat darbtejn.

66. F'tali każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja sal-lum aċċettat li tissostitwixxi l-klawżola inġusta b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplimentari jew b'regola applikabbli fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet f'dan is-sens [28]. Fil-fatt, l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni jew regola legali normalment twassal sabiex jiġi stabbilit mill-ġdid il-bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-partijiet kontraenti [29].

24 Sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 73), tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punt 77), u tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 53).

25 Sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 40), tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 45), tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punt 80) u tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punti 56 u 59).

26 Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2019, Dunai (C-118/17, EU:C:2019:207, punti 48 u 52), u tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819, punti 44 u 45).

27 Sentenzi tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punti 83 u 84) u tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 58).

28 Ara s-sentenzi tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punt 80), tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punti 56 u 59) u tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819, punt 58).

29 Sentenzi tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punt 82), u tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 57).

67. Madankollu, lanqas dan ma jidher li jikkostitwixxi soluzzjoni f'dan il-każ. Fil-fatt, l-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili, li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra bħala l-unika dispożizzjoni possibbli f'dan ir-rigward, ma jistax ikun ta' natura li jissostitwixxi l-klawżola kontenzjuża.

68. Fil-fatt, l-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili l-ewwel nett jikkostitwixxi dispożizzjoni essenzjalment identika għall-klawżola kontenzjuża. Għaldaqstant ma jkunx jagħmel sens li din il-klawżola kontenzjuża tiġi ssostitwita b'din id-dispożizzjoni. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fi kwalunkwe każ huma biss id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jirriflettu l-bilanċ li l-leġiżlatur nazzjonali ried jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet f'ċerti kuntratti li huma maħsuba sabiex jimlew il-lakuni [30]. Madankollu, il-Gvern Rumen sostna, waqt is-seduta, li, fl-adozzjoni tal-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili, il-leġiżlatur ma kellux l-intenzjoni li jistabbilixxi bilanċ ta' interessi bejn il-partijiet f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum [31].

69. Il-ġurisprudenza eżistenti għalhekk tippreċiża biss dak li l-qorti nazzjonali *ma għandhiex* tagħmel f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni hawnhekk: ma jistax jiġi aċċettat li l-konsumatur ikun marbut bil-klawżola inġusta [32], iżda lanqas ma għandha tissostitwixxi din il-klawżola b'dispożizzjoni leġiżlattiva bħall-Artikolu 1578 tal-Kodiċi Ċivili jekk din ma tiżgurax bilanċ raġonevoli bejn l-interessi tal-bejjiegħ jew fornitur u tal-konsumatur. Barra minn hekk, hija ma tistax tadatta l-kuntratt billi tbiddel il-kontenut tal-klawżola inġusta, u lanqas ma tista' tannullah fl-intier tiegħu [33].

70. Min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza ma tipprovdix tweġiba għall-kwistjoni dwar x'*tista*' tagħmel il-qorti nazzjonali f'din is-sitwazzjoni [34].

71. Il-Gvern Rumen sostna, waqt is-seduta, li d-dritt Rumen jirrikonoxxi bħala prinċipju, is-setgħa lill-qorti li timla l-lakuni tal-kuntratt permezz ta' dispożizzjoni addizzjonali. B'mod partikolari, fil-każ li l-bażi tan-negozju ma tibqax teżisti, il-kuntratt ikun jista' jiġi adattat b'dan il-mod.

72. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti nazzjonali li tistabbilixxi n-natura inġusta ta' klawżola, għandha tislet il-konsegwenzi kollha li, skont id-dritt nazzjonali, jirriżultaw minn din il-konstatazzjoni, sabiex tiżgura ruħha li l-konsumatur ma jkunx marbut b'din il-klawżola [35].

73. F'dawn iċ-ċirkustanzi, f'każ bħal dak inkwistjoni, is-sempliċi kwalità ta' konsumatur ta' waħda mill-partijiet kontraenti ma tistax tipprojbixxi lil qorti nazzjonali milli timla l-lakuna li tirriżulta mill-irtirar tal-klawżola inġusta b'dispożizzjoni addizzjonali, li tistabbilixxi mill-ġdid il-bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-partijiet. Skont il-qorti nazzjonali, dan jista' jintlaħaq billi tiġi ffriżata r-rata tal-kambju fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt.

74. Fil-fatt, kif ser nesponi iktar 'il quddiem, la l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 u lanqas il-ġurisprudenza relatata ma' din id-dispożizzjoni ma jipprekludu s-setgħa ta' sostituzzjoni tal-klawżola inġusta f'ċirkustanzi bħal f'dan il-każ.

30 Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819, punt 60).

31 Ara f'dan ir-rigward il-punti 43 u 46 ta' dawn il-konklużjonijiet u s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819, punt 61).

32 Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak, C-260/18, EU:C:2019:819, punt 68.

33 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punti 55 u 56).

34 Din turi, b'mod partikolari, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819).

35 Sentenzi tal-15 ta' Marzu 2012, Pereničová u Perenič (C-453/10, EU:C:2012:144, punt 30), tat-30 ta' Mejju 2013, Jőrös (C-397/11, EU:C:2013:340, punt 48) u tal-21 ta' April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283, punt 101).

75. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabel kollox, li s-soluzzjoni adottata fil-kawża Banco Español de Crédito [36], li tikkostitwixxi l-punt tat-tluq tal-ġurisprudenza dwar il-projbizzjoni tal-adattament tal-kuntratt mill-qorti, kienet tikkonċerna sitwazzjoni li fiha l-kuntratt seta' jinżamm anki fl-assenza tal-klawżola inġusta. F'dan il-każ, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi espressament li l-klawżola għandha tibqa' mhux applikata purament u sempliċement. Minn dan isegwi li konsegwenza legali oħra ma tistax tiġi adottata f'każ bħal dan.

76. Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li l-projbizzjoni tal-adattament tal-kuntratti fil-ġurisprudenza tiġi ġġustifikata bil-fatt li l-possibbiltà ta' dan l-adattament tikkontribwixxi sabiex jiġi eliminat l-effett disswaživ eżerċitat fuq il-bejjiegħa jew fornituri bin-nuqqas ta' applikazzjoni pura u sempliċi, fir-rigward tal-konsumatur, ta' tali klawżoli inġusti, sa fejn dawn jibqgħu bit-tentazzjoni li jużaw l-imsemmija klawżoli, filwaqt li jkunu jafu li, anki kieku dawn kellhom jiġu ddikjarati invalidi, il-kuntratt jista' madankollu jitkompla, sa fejn ikun neċessarju, mill-qorti nazzjonali [37]. Dan imur kontra l-għan fit-tul tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, li jitwaqqaf l-użu ta' klawżoli inġusti.

77. Din il-motivazzjoni ma tistax tiġi aċċettata f'każ bħal dak inkwistjoni.

78. Għaliex l-ewwel nett, f'dan il-każ, il-qorti hija mitluba tneħħi l-klawżola u timla l-lakuna kuntrattwali inkorsa permezz ta' dispożizzjoni li tikkostitwixxi bbilanċjar adegwat tal-interessi. Għaldaqstant, il-klawżola ma hijiex intiża sabiex titnaqqas biss, permezz tal-interpretazzjoni, għall-kontenut li huwa awtorizzat u, konsegwentement, li jittieħdu inkunsiderazzjoni, sa fejn huwa possibbli, l-interessi tal-bejjiegħ jew fornitur. Issa, din kienet preċiżament l-intenzjoni tal-qrati tar-rinviju fil-kawżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja, sal-lum, irrifjutat li tipproċedi għal adattament tal-kuntratt [38]. Fil-fatt, f'kull waħda minn dawn il-kawżi, il-qorti xtaqet iżżomm il-klawżola inġusta parzjalment jew għal ċerti sitwazzjonijiet.

79. Min-naħa l-oħra, f'dan il-każ, il-qorti nazzjonali jeħtieġ li tqis debitament il-vulnerabbiltà partikolari tal-konsumatur. Minflok ma tibbaża ruħha unilateralment fuq ir-rieda effettiva tal-utent ta' klawżola redatta minn qabel, il-qorti tiddetermina dak li jkun ġie miftiehem *in bona fide* [39]. Hija għalhekk tissostitwixxi l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti b'bilanċ materjali ta' natura li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dawn id-drittijiet u obbligi. Dan huwa preċiżament, skont il-ġurisprudenza, l-għan tar-regola stabbilita fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13. [40]

80. It-tieni nett, għandu jiġi stabbilit li l-unika alternattiva possibbli, jiġifieri l-annullament tal-kuntratt kollu kemm hu, tippenalizza unilateralment lill-konsumatur. Barra minn hekk, l-għan li għandu jintlaħaq mill-klawżola li tgħaddi r-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur jibqa' jintlaħaq dejjem [41] Konsegwentement, l-annullament tal-kuntratt kollu ma huwiex ta' natura li jiddisswadi lil min isellef milli jkompli jinkludi tali klawżoli fil-kuntratti li huwa jipproponi [42].

36 Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349).

37 Sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 69), tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punt 79) u tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 54).

38 Sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349) u tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250) kif ukoll id-digriet tal-24 ta' Ottubru 2019, Topaz (C-211/17, mhux ippubblikat, EU:C:2019:906).

39 Ara fuq dan il-kriterju s-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punti 68 u 69), u tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et* (C-186/16, EU:C:2017:703, punt 57), kif ukoll id-digriet tat-22 ta' Frar 2018, Lupean (C-119/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:103, punt 30).

40 Ara f'dan ir-rigward il-punt 62 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41 Ara f'dan ir-rigward iktar 'il fuq il-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet.

42 Ara f'dan is-sens is-sentenzi tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punti 83 u 84) u tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 58).

81. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-effett dissważiv ma huwiex żgurat bl-unika alternattiva possibbli għall-adattament tal-kuntratt, jiġifieri fil-każ ta' annullament. Minn dan isegwi li l-allegat assenza ta' effett dissważiv ma jistax jiġi invokat fl-istess ħin bħala argument kontra l-adattament tal-kuntratt. Dan jgħodd iktar u iktar meta adattament tal-kuntratt li jieħu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-konsumatur, ikollu effett dissważiv għall-bejjiegħ jew fornitur [43].

82. Fl-aħħar nett, l-esklużjoni kategorika tas-setgħa tal-qorti nazzjonali li timla lakuna kuntrattwali tista' fl-aħħar mill-aħħar twassal, fl-ordinamenti ġuridiċi li bħala prinċipju jirrikonoxxu tali setgħa, li tqiegħed lill-konsumaturi f'sitwazzjoni inqas favorevoli milli ta' partijiet kontraenti oħra. Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal dik f'dan il-każ, il-qorti nazzjonali, minħabba l-kwalità ta' konsumatur ta' parti kontraenti, tkun obbligata li tannulla l-kuntratt bil-konsegwenzi dannużi kollha rrilevati, filwaqt li jkollha, lil hinn mid-dritt tal-konsumatur, il-possibbiltà li tasal, permezz ta' dispożizzjoni addizzjonali, għal bilanċ tal-interessi tal-partijiet. Tali soluzzjoni ma tistax tiġi aċċettata la mill-perspettiva tal-ugwaljanza fit-trattament u lanqas mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

83. Barra minn hekk, din is-soluzzjoni tikkorrispondi materjalment ma' dik li waslet għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Abanca Corporación Bancaria u Bankia [44].

84. Ċertament li fis-sentenza tagħha mogħtija f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li qorti nazzjonali ma tistax iżżomm parzjalment klawżola inġusta [45]. Fil-fatt, b'dan il-mod, hija tnaqqasha għall-kontenut li għadu kemm ġie ammess, u dan jieħu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-bejjiegħ jew fornitur unilateralment [46]. Madankollu, hija ddeċidiet li l-qorti setgħet tissostitwixxi l-klawżola inġusta b'dispożizzjoni legali introdotta biss wara l-konklużjoni tal-kuntratt [47] Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, dan ma huwa xejn ħlief l-għeluq, mill-qorti, tal-lakuna kuntrattwali li tirriżulta mit-tneħħija ta' klawżola inġusta.

85. Minn dan isegwi li, f'każ bħal dak inkwistjoni, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 u l-ġurisprudenza relatata miegħu ma jipprekludux tali setgħa tal-qorti.

86. Għandu jiġi ppreċiżat, f'dan l-istadju, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa liema hija d-dispożizzjoni li tista' tikkostitwixxi bilanċ raġonevoli bejn l-interessi inkwistjoni. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti juru li, fil-kuntest tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, l-elementi ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tas-sanzjonijiet għandhom rwol f'dan ir-rigward. Madankollu, fl-istess ħin, il-Qorti tal-Ġustizzja tinsisti wkoll dwar ir-rekwiżit tal-bilanċ materjali. Dan jimplika li din id-dispożizzjoni għandha tkun proporzjonata fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni.

87. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nikkonkludi li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludix li qorti nazzjonali tneħħi klawżola inġusta u tissostitwixxiha b'dispożizzjoni addizzjonali li tissostitwixxi l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti b'bilanċ materjali li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dawn tal-aħħar meta:

– l-kuntratt inkwistjoni ma jistax jinżamm wara t-tneħħija mingħajr sostituzzjoni tal-klawżola inġusta;

– l-annullament tal-kuntratt ikollu konsegwenzi partikolarment dannużi għall-konsumatur, u

43 Ara f'dan ir-rigward il-punti 78 u 79 ta' dawn il-konklużjonijiet.

44 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250).

45 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 55).

46 Ara f'dan ir-rigward iktar 'il fuq il-punt 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

47 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancariar u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 59).

– ma teżisti ebda dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali ta' natura supplimentari jew dispożizzjoni li tkun applikabbli fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet fil-kuntratt ikkonċernat, li tippermetti s-sostituzzjoni tal-klawżola mħassra.

VI. Konklużjoni

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (Qorti tal-Appell ta' Cluj) bil-mod li ġej:

1. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali li tikkostitwixxi l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali stabbilit mil-liġi hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, sakemm il-leġiżlatur nazzjonali ma kellux l-intenzjoni, billi ħoloq id-dispożizzjoni legali kkonċernata, li jistabbilixxi bilanċ leġiżlattiv tad-drittijiet u tal-obbligi kollha tal-partijiet għat-tip ta' kuntratt ikkonċernat. Il-qorti nazzjonali għandha tipproċedi għall-konstatazzjonijiet neċessarji f'dan ir-rigward.

2. Ir-rekwiżit, previst fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13/KEE, ta' redazzjoni f'lingwaġġ sempliċi u ċar ta' klawżola kuntrattwali li tinsab f'kuntratt ta' kreditu ddenominat f'munita barranija, li, finalment, jimponi fuq il-konsumatur ir-riskju tal-kambju, jimplika li dan tal-aħħar ikun informat b'mod eżawrjenti bil-konsegwenzi ekonomiċi possibbilment sinjifikattivi ta' tali klawżola fuq l-obbligi finanzjarji tiegħu. L-istess japplika indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-iżvalutazzjoni konkreta tal-munita inkwistjoni kinitx diġà prevedibbli fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt. Hija l-qorti nazzjonali li għandha twettaq il-konstatazzjonijiet neċessarji f'dan ir-rigward.

3. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li qorti nazzjonali tneħħi klawżola inġusta u tissostitwixxiha b'dispożizzjoni addizzjonali li tissostitwixxi l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti b'bilanċ materjali li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dawn tal-aħħar meta, l-ewwel nett, il-kuntratt inkwistjoni ma jistax jinżamm wara t-tneħħija mingħajr sostituzzjoni tal-klawżola inġusta, it-tieni nett, l-annullament tal-kuntratt ikollu konsegwenzi partikolarment dannużi għall-konsumatur, u, it-tielet nett, ma teżisti ebda dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali ta' natura supplimentari jew dispożizzjoni li tkun applikabbli fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet fil-kuntratt ikkonċernat, li tippermetti s-sostituzzjoni tal-klawżola mħassra.